**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 57

Il-Ħamis 9 t'Awwissu 2018

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Stephen Caruana – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, Malta.
☎:21652525, 21650937 @ :marsaxlokk.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/www.marsaxlokklc.com

| | |
|---|---|
| 57.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 57.1.1 | Ma kienx hemm. |
| 57.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' Minuti |
| 57.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti, Seduta numru 56, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ittieħdu bħala moqrija. |
| 57.2.2 | Is-Sur Steven Grech ippropona u s-Sur Stephen Caruana ssekondaw l-minuti tas-Seduta 57 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 57.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 57.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it- 13 ta' Lulju 2018, kien attenda taħriġ tal-*ePPS* li kien organizzat mill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 57.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-16 ta' Lulju 2018, flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sa Janice Chetcuti attenda laqgħa mad-Dipartiment tal-Agrikoltura sabiex tiġi diskussa l-Festa Ħut 2018 f'Marsaxlokk. |
| 57.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-16 ta' Lulju 2018 ġie iffirmat il-kuntratt tat-*Textile Recycling*. |
| 57.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar l-24 ta' Lulju 2018, is-Sur Steven Grech u s-Sa Emma Vella attendew għal laqgħa mal-Enemalta sabiex jiġu diskussa x-xogħolijiet li ħa jsiru fi Triq iċ-Ċippi f'Marsaxlokk. |
| 57.3.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar il-25 ta' Lulju 2018, flimkien mas-Sur Steven Grech, is-Sa Janice Chetcuti u s-Sa Emma Vella attenda għall-ftuh tal-parkeġġ il-ġdid f'Marsaxlokk. |
| 57.3.6 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar is-27 ta' Lulju 2018, flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sa Janice Chetcuti attenda għal laqgħa mad-Dipartiment tal-Agrikoltura rigward il-Festa Ħut 2018 f'Marsaxlokk. |
| 57.3.7 | Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsilliera li nhar il-31 ta' Lulju 2018, is-Segretarju Eżekuttiv attenda għal laqgħa mal-Estate Manager tal-*Primary Health Care* sabiex jiġi diskuss kif is-servizz tal-Berġa jista' jiġi offrut mill-Kunsill Lokali. |
| 57.3.8 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-7 t'Awwissu 2018, is-Sur Steven Grech u s-Sa Emma Vella attendew għal laqgħa mal-kumpannija *Euronet Worldwide* sabiex tiġi diskussa l-installazzjoni tal-ATM fl-inħawi tal-Magħluq f'Marsaxlokk. |
| 57.3.9 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-7 t'Awwissu 2018, kien attenda għal laqgħa mas-Sur Marco Dimech fejn ġie diskuss ktieb tar-riċetti u ġie mifthiem li għandha tiġi mibgħuta ittra lill-istabbilimenti u lir-residenti, fejn se jiġi mistoqsi jekk iridux jipprovdu riċetta minn tagħhom sabiex tiġi pubblikata fi ktieb. |

| | |
|---|---|
| 57.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 57.4.1 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "*Sleeping Policeman* (*lights* Bir id-Deheb l'isfel)?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li s-*Sleeping Policeman* imsemmija flimkien ma' proposta oħra ta' *Sleeping Policeman* fi Triq il-Kavallerizza għandha tiġi diskussa ma' TM. |
| 57.4.2 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Qsari għad-Djar tas-Sajjieda?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandhom jitqiegħdu l-*planters* li kienu inxtraw mill-Kunsill u għandhom jinġabru *quotations* sabiex jinxtraw aktar *planters* mill-*grant* tal-Wasteserv li intrebaħ mill-Kunsill Lokali. |
| 57.4.3 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-*Car Park* minħabba tal-Monti?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li din il-materja għandha tiġi diskussa nhar il-Ġimgħa 10 t'Awwissu waqt il-laqgħa li kellha tinżamm bejn il-Kunsill Lokali u l-MEIB. |
| 57.4.4 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Ir-Restoranti, imwejjed, siġġijiet u skips?" Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li qed jipprepara lista bil-problemi kurrenti sabiex tintbghat lill-Awtorita tal-Ippjanar u biex jkun jista' jsir l-infurzar neċessarju. |
| 57.4.5 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-ġnien ta' fuq il-*Car Park*?" Is-Sur Steven Grech informa lill-Kunsill li l-Gvern kellu jlesti l-ġnien tal-parkeġġ u wara għandha tintalab id-devoluzzjoni tiegħu mill-Kunsill Lokali. |
| 57.4.6 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "L-*area* ta' bejn il-*Pitch* tal-*Waterpolo* u t-*Tex Mex*?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li f'din l-*area* għandom jitqiegħdu tliet bankijiet milli għandu l-Kunsill Lokali. |
| 57.4.7 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Pjanta tal-Magħluq?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li s-Sur Steven Grech ħa jikkomunika mal-Ministeru tas-Sajd u ma' TM sabiex isir ċint in-naħa tal-baħar. |
| 57.5 | Rapporti |
| 57.5.1 | - Permezz ta' korrispondenza datata 6 t'Awwissu 2018 il-Kunsill Lokali ġie nfurmat bil-pjanta l-ġdida tar-riorganizzazzjoni tal-monti, bil-qisien il-ġodda u bl-iffinalizzar tal-parkeġġ ta' Triq il-Kavallerizza. Il-Kunsilliera preċenti ġew ukoll infurmati li meta jkun indikat mill-Gvern Ċentrali, se tintbgħat ittra lill-bejjiegħa tal-monti sabiex ikunu nfurmati b'dan it-tibdil.<br><br>- Permezz ta' Ċirkolari numru SPI 10/2018 mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsilliera ġew infurmati bi Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi 2018. Is-Sindku ressaq ix-xewqa tal-Kappillan li tiġi restawrata n-Niċċa tar-Redentur. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li kellha tintbgħat applikazzjoni sabiex tiġi restawrata in-Niċċa tar-Redentur fi Triq Marsaxlokk c/w Triq it-Torri.<br><br>- Il-Kunsill kien infurmat b'korrispondenza datata 2 t'Awwissu 2018 mibgħuta mill-Avukat ta' Sinjura li qed tgħid li St Peter's Pool Delimara huwa tagħha. Il-Kunsill ġie infurmat biex jieħu miżuri sabiex persuni oħra ma jkollomx aċċess f'din l-*area*. Wara deċiżjoni libera ġie deċiż li dan il-każ għandu jitressaq quddiem il-Ministru konċernat u jiġi infurmat id-Direttur Ġenerali rispettiv għar-raġuni li din is-Sinjura għadha għaddejja |

| | |
|---|---|
| | b'każ il-Qorti fir-rigward ta' St Peter's Pool. Ġie deċiż ukoll li għandha tinżamm laqgħa bejn in-nies kollha konċernati.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 8 t'Awwissu 2018 mingħand resident, saret talba sabiex jiġu installati żewġ *U-Channels* fi Triq Pompei u Triq il-Kajjikk, għar-raguni li qed jipparkjaw vetturi kbar fuq il-bankini u qed issir ħafna ħsara, apparti l-periklu għal min ikun għaddej minn fuq il-bankini. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tintbgħat applikazzjoni lil TM sabiex il-*U-Channels* jiġu nstallati.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 6 t'Awwissu 2018 mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsill ġie infurmat bi stedina sabiex jipparteċipa fil-kampanja tal-*Pink October*. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill jipparteċipa fl-attività.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 6 t'Awwissu 2018 mibgħuta minn xi residenti, saret talba sabiex isiru *road markings* quddiem il-garaxx tagħhom u sabiex jiġi ikkunsidrat li tinbidel id-diverzjoni tal-linja minn quddiem Torri Vendome. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li r-*road markings* għandhom isiru imma tibdil fid-diverzjoni tat-traffiku għandu jitressaq lil TM.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza b'petizzjoni datata 19 ta' Lulju 2018 mibgħuta minn xi residenti, il-Kunsill ġie infurmat li f'daħlet A u B tad-Djar tas-Sajjieda ma jridux bankijiet pubbliċi. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li ma jitqiegħdu l-ebda bankijiet pubbliċi f'din l-akwata.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza datata 7 t'Awwissu 2018 mingħand il-Wasteserv fejn talbu sabiex jiltaqgħu mal-Kunsilliera biex tiġi diskussa attività. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tinżamm laqgħa fir-rigward.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza datata 6 t'Awwissu 2018 mingħand Sinjur fejn talab li Triq Ġulino Maniscalco ma tibqax *two way* imma tigi *one way* sabiex ma jibqgħux isiru aktar ħsarat u danni fil-propjetà tar-residenti. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tintbgħat applikazzjoni lil TM fir-rigward.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata l-1 t'Awwissu 2018 il-Kunsilliera ġew infurmati b'attività li ser issir bejn l-iskola Primarja ta' Marsaxlokk u l-*Malta Libraries,* fejn ġie mitlub sabiex il-Kunsill jipparteċipa f'din l-inizjattiva. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill għandu jipparteċipa u kif ukoll jipprovdi flixkun ilma u frott frisk għat-tfal.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza datata 14 ta' Lulju 2018 mingħand il-Marsaxlokk Waterpolo Club rigward attività ta' tindif f'Marsaxlokk li se tinżamm minnhom flimkien mal-MFF Ltd, fejn talbu sabiex il-Kunsill jipparteċipa wkoll billi jipprovdi l-affarijiet għat-tindif. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill għandu jipprovdi skip, ingwanti u boroz tal-iskart.<br><br>- Permezz ta' Ċirkolari numru SPI 9/2018 mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsilliera ġew infurmati bi Skema Finanzjarja favur il-Komunità Libreriji Lokali/Reġjonali. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għandhom jaraw x'hemm bżonn isir għall-Librerija imbagħad jiġi deċiz minnhom xi flus għandhom jiġu allokati u applikati mill-iSkema. |

| | |
|---|---|
| | - Is-Segretarju Eżekuttiv reġa' informa lill-Kunsilliera preżenti li l-binja tal-Kunsill ma tinstabx f'qagħda tajba u li biċċiet ta' ġebel qed jerġa' jaqa' mis-saqaf bil-konsegwenza li x-xibka tas-saqaf qed tidher. Is-Segretarju spjega li intbagħtet korrispondenza lill-Ministru tal-Gvern Lokali rigward il-qagħda tal-binja, u dan sabiex forsi jsir xi ħaġa u jiġu evitati inċidenti bla bżonn. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill kellu jkellem lill-Avukat tal-Kunsill sabiex jagħti parir fuq il-liġi tal-kera u jikteb lis-sid tal-binja imsemmija, kif ukoll tiġi ikkomunikata l-ERA sabiex tiġi imneħħija l-*Air Monitoring Unit* minn fuq il-bejt. Fuq qbil unanimu, il-Kunsilliera qablu li għandhom japplikaw għal biċċa art sabiex tintbgħat proposta għall-binja l-ġdida tal-Kunsill.<br><br>- Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-applikazzjonijiet għal żvilupp bin-numri:<br>PA/06484/18, PA/06623/18, PA/06164/18, PA/06227/18, PA/06290/18, PA/00289/18, PA/02047/18, PA/02972/17, PA/04848/18, PA/07758/17, PA/10679/17, PA/06095/18, PA/06096/18, PA/05966/18, PA/06008/18, PA/07609/17, RG/00551/18, PA/01380/18, PA/05685/18, PA/05794/18, PA/05861/18, PA/05906/18, RG/02822/18.<br><br>Ġie deċiż illi ma kellha tinstab ebda oġġezzjoni għall-applikazzjonijiet imsemmija. |
| 57.6 | Mozzjonijiet |
| 57.6.1 | Ma kienx hemm. |
| 57.7 | Sejħiet għall-Offerti |
| 57.8.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera preżenti li l-evalwazzjoni tat-*tender* tal-knis ġie komplut u għaldaqstatnt ried jiġi ffirmat. Il-Kunsill qabeli li l-irħas bidder li hu *compliant Administrativley*, *Financially* u *Technically* se jirbaħ il-kuntratt. |
| 57.8.2 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li t-*tender* tal-*playing field* ta' Ġnien il-Familja kellu jaghlaq fl-10 t'Awwissu 2018, u wara ssir l-evalwazzjoni. |
| 57.8.3 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li t-*tender* tas-*Soft Areas* kien se jiġi itterminat mill-kuntratur fil-31 t'Awwissu, għal raġunijiet mhux magħrufa. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera ġie deċiż li għandu jinħareġ *tender* ieħor. |
| 57.8.4 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera preżenti li t-*tender* tal-ġbir ta' skart ma jistgħax jiġi *awarded* għar-raġuni li *bidder* minnhom fetaħ appell. |
| 57.8.5 | Is-Segretarju Eżekuttiv reġa' informa lill-Kunsilliera li t-*tender* tal-Latrini Pubbliċi kien se jagħlaq f'Diċembru 2018. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandu jinħareġ *tender* ġdid imma għandha tinżamm laqgħa fil-21 t'Awwissu 2018 sabiex jiġi diskuss u deċiż is-servizz. |
| 57.9 | Festa Ħut 2018 |
| 57.9.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li d-diskussjonijiet rigward il-Festa Ħut 2018 għadhom għaddejjin u kellha tinżamm laqgħa oħra flimkien mal-Koperattivi tas-Sajjieda u mas-Segretarjat Parlamentari nhar il-21 t'Awwissu. |

| | |
|---|---|
| 57.10 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |
| 57.10.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 08/18) għall-approvazzjoni. |
| 57.10.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondata mis-Sur Daniel Zerafa, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 57.10.3 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali il-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Lulju għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 57.11 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss |
| 57.11.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali intemmet fit-8:15p.m. wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 6 ta' Settembru 2018 fil-5:00p.m. |

Konfermati, illum 6 ta' Settembru 2018.

IFFIRMATA

__________________

Horace Gauci
Sindku

IFFIRMATA

__________________

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv